MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2003

Numru 503/2001

**Illum 24 ta' Jannar, 2003**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**
**vs**
**Ismael Habesh, George Cutajar, Jason Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi Dedotti kontra l-imputati Ismael Habesh ta' 30 sena bin Omar u Burnija nee' Xduri mwieled Tripoli, Libya fl-1 ta' Jannar, 1971 u residenti "Joanna Flats' No. 3 Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, detentur ta' karta ta' identita numru 15771(A);

George Cutajar ta' 30 sena bin Albert u Eva nee' Pond imwieled Pieta' fit-28 ta' April 1971 u residenti 360, 'Nashville', Triq il-Fortizza Pembroke, St. Andrew's, detentur ta' karta ta' identita numru 234871(M);

Jason Spiteri ta’ 25 sena bin Saviour u Rita nee’ Camilleri imwieled Pieta’ fid-29 ta’ Frar, 1976 u li joqghod ‘Joe Rose Flats’, Nru 3, Triq Anglu Gatt, Mosta. Detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 187076(M); akkuzati talli b’diversi atti wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda u cioe’:

a. Fis-17 ta’ Mejju, 2001 ghall-habta tas-7.30 ta’ filghaxija jew fix-xhur ta’ qabel din id-data mill-garage numru 2 sitwat f’Ghan Zejtuna limiti tas-Sellum, Mellieha kkommettew serq ta’ mutur tal-bahar tal-ghamla ‘Johnson’ 9.9 Hp. bin-numru serjali B08832886 komplut b’accessorji tieghu ghad-dannu ta’ Carmlino Gauci Borda minn B’Kara liema serq kien kkwalifikat bi vjolenza numerika, bil-meszz, bil-valur li ma jeecedix l-elf lira Maltin (Lm1000) u bil-hin;

b. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu tal-istess Carmlino Gauci Borda minn B’Kara, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm10) izda ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin (Lm50);

c. f’xi gurnata matul ix-xahar ta’ Mejju 2001 ghall-habta tat-8.00 ta’ filghaxija minn garage f’Hal Balzan ikkommettew serq ta’ kwantita’ ta’ flixken tax-xorb alkoholiku ghad-dannu ta’ persuna mhux maghrufa, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz, valur li ma eccedix l-elf lira maltin (Lm1000) u bil-hin;

d. lil Ismael Habesh u George Cutajar wehidhom akkuzati talli, fis-6 ta’ Mejju 2001 ghall-habta tat-3.15 ta’ wara nofsinhar mill-kamra numru 337 ‘Sinja Apartments – Bugibba Holiday Complex’ Triq it-Turisti San Pawl il-Bahar, kkommettew serq ta’ television tal-marka ‘Seleco’ mudell 14SE300 u Converter tal-marka ‘General Instruments’ mudell COC180243731 ghad-dannui tad-dirigenti tal-Bugibba Holiday Complex u tal-kumpanija Melita Cable rispettivament, liema serq huwa kkwalifikat

bil-vjolenza u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1000);

e. fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi u fil-granet ta' wara dawn id-dati, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

f. lil Ismael Habesh wahdu talli wara li kien gie kkundannat f'Malta ghal serq jew ricettazzjoni, gie misjub li fis-17 ta' Mejju, 2001 kien fil-pussess ta' ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu instabu ghandu f'dak iz-zmien;

g. Ismael Habesh u Jason Spiteri saru ricedivi ai trmini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tal-10 ta' Ottubru 2002 minn fejn jirrizulta li l-imputat Ismael Habesh u George Cutajar ammettew l-akkuzi kontra taghhom.

Rat il-verbal tal-24 ta' Jannar 2003 minn fejn jirrizulta li l-imputat l-iehor Joseph Spiteri ammetta l-akkuzi.

Rat l-atti l-ohra kollha.

Ikkonsidrat:

Li stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputati kollha f'liema ammissjoni huma ippersistew fiha. Rat il-fedina penali tal-imputati. Hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi koncernanti kull imputat. Rat l-Artikoli 261(a) (b) (c), 325(c), 334, 287, 49, 50, 17, 31 tal-Kap 9 tiddeciedi:

1. fil-konfront ta' George Cutajar li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 9 tal-Kap 152 ghall-perjodu ta' tlett snin millum;

2. fil-konfront ta’ Ismael Habesh li tapplika l-provedimenti ta’ l-Artikolu 5 tal-Kap 152 ghall-perjodu ta’ 3 snin millum taht il-harsien tal-probation officer Mary Grace Vella skond il-kondizzjonijiet annessi mal-probation order li ghandha tifforma parti tas-sentenza.

3. Fil-konfront ta’ Jason Spiteri li tapplika l-provedimenti ta’ l-Artikolu 5 tal-Kap 152 ghall-perjodu ta’ 3 snin millum taht il-harsien tal-probation officer Mary Ann Zammit skond il-kondizzjonijiet annessi mal-probation order li ghandha tifforma parti mis-sentenza bil-kundizzjoni espressa li jkompli u jittermina l-programm ta’ riabilitazzjoni li qieghed presentement isegwi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------